MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 459/2004

**Daniel Camenzuli**

**vs**

**David Borg**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf u tmien mija u erbgha u ghoxrin Lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu, (LM1,824.72,0), dovuta lill-istess attur da parti tal-konvenut rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghlijiet illi l-attur gie kkuntrattat li jesegwixxi mill-konvenut;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata l-1 ta' april tas-sena 2004, u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-istess ittra ufficcjali, u cioe it-8 ta' April tas-sena 2004 kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-3 ta' Mejju tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------